**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 9 ta' Marzu 2023**

**Kawża Numru: 14**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1086/2022 JVC**

**Antonello Rizzo sive Rizzo Naudi (K.I. 256661) u Andrew Rizzo sive Rizzo Naudi (K.I. 333594M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Antonello Rizzo sive Rizzo Naudi et talbu kif isegwi:

1. 'Illi l-attur Antonello Rizzo magħruf bħala Antonello Rizzo Naudi twieled nhar is-6 t' April 1961, kif jirrizulta mill-att tat-twelid tiegħu anness u mmarkat bħala **DokARN1** li jġib numru ta' iskrizzjoni elfejn ħames mija sitta u sittin tas-sena elf disa mija u wieħed u sittin (2566/1961).

2. Illi t-tifel tal-attur Antonello u ċioe l-attur l-ieħor Andrew Rizzo magħruf bħala Andrew Rizzo Naudi twieled nhar id-29 ta' Lulju 1994 kif jirrizulta mill-att tat-twelid tiegħu anness u mmarkat bħala **Dok ARN2** li jġib numru ta' iskrizzjoni tlett elef tlet mija u ħamsa u tletin tas-sena elf disa mija erbgħa u disgħin (3335/1994).

3. Illi l-familja min-naħa tal-attur Antonello Rizzo magħruf bħala Antonello Rizzo Naudi kienu konsistentement magħrufa bil-kunjom "Rizzo Naudi" u dana peress illi n-nannu pattern tal-attur kellu l-kunjom "Rizzo" filwaqt illi n-nanna paterna tiegħu kellha kunjomha xebba "Naudi".

4. Illi wkoll u n vista tal-fatti fuq esposti, missier l-attur Antonello Rizzo Naudi u ċioe Antonio Rizzo Naudi kien għamel talba lill-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Naturali fiz-zmien it-tmeninijiet (1980s) sabiex fuq iċ-ċertifikat taż-

żwieġ tiegħu kunjomu li dak iż-żmien kien "Rizzo", jiġi emendat sabiex jinbidel fil-kunjom "Rizzo Naudi".

5. Illi l-Onorabbli Qorti tar- Revizjoni tal-Atti Nutarili laqgħet it-talba tiegħu u b'hekk kunjomu fuq iċ-ċertifikat taz-zwieġ tiegħu ġie emendat minn "Rizzo" għal "Rizzo Naudi", kopja taċ-ċertifikat taz-zwieġ bl-annotazzjoni bit-tibdil fil-kunjom ta' Antonio Rizzo Naudi anness u mmarkat bħala **DokARN3**. Illi fuq l-istess ċertifikat taż-żwieġ hemm indikazzjoni wkoll illi omm Antonio u ċioe Maria Stella kellha kunjomha xebba "Naudi".

6. Illli sussegwentament wara din l-annotazzjoni ,il-kunjom fuq il-passaport ta' Antonio u ċioe ta' missier l-esponenti Antonello li nħareġ wara d-digriet msemmi, li tali passaport huwa meqjus bħala dokument ufficjali, ġie ndikat bħala "Rizzo Naudi", kopja tal-istess passaport anness u mmarkt bħala **DokARN4**.

7. Illi n vista tas-suespost u in segwitu tal-fatt illi missier l-esponenti Antonello u n-nannu patern tal-esponenti Andrew kien uffiċjalment irreġistrat bil-kunjom "Rizzo Naudi", iż-żewġ esponenti minn tfulithom minn dejjem kienu magħrufin bil-kunjom "Rizzo Naudi" u dana wkoll fl-atti kollha tal-ħajja ċivili, inkluzi l-karti tal-

identita taż-żewġ atturi inkluz il-firem ndikati fuq l-istess, kopja tagħhom annessi u mmarkati bħala **DokARN5** u **DokARN6** rispettivament.

8. Illi kif ingħad, il-familja kollha tal-attur hija magħrufa bil-kunjom "Rizzo Naudi" u l-fatt illi l-kunjom tal-familja tal-atturi ma jikkombaċjax mal-kunjom riprodotti fl-atti tat-twelid tagħhom qieged jikkawza inkonvenjent lill-atturi kemm fil-ħajja privata tagħhom u kif ukoll f'dik pubblika kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

9. Illi l-atturi jixtiequ jirregolaw il-pozizzjoni tagħhom u jaffettwaw it-tibdil neċessarju sabiex l-atti uffiċjali tagħhom kollha jirriflettu l-kunjom li bih huma magħrufa.

10. Illi l-Liġi ttihom din il-fakulta a tenur tal-Artiklu 253 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Illi finalment issir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet *Stefan Bonello magħruf bħala Stefan Ghio et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku* datata l-24 ta' Jannar 2017 b'referenza

numru 247/2016/LSO[1] u kif ukoll fis-sentenza fl-ismijiet *Joseph Ellul sive Ellul Mercer vs Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku* datata d-29 t'April 2013 b'referenza numru 46/2013JA.

Għaldaqstant l-atturi jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tordna illi "Rizzo Naudi" huwa l-kunjom li l-esponenti jużaw għalihom u li bih huma konsistentement imsejjħin.

2. Tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi l-Att tat-Twelid tal-esponenti Antonello Rizzo sive Rizzo Naudi b'iskrizzjonu numru elfejn hames mija sitta u sittin tas-sena elf disa mija u wieħed u sittin (2566/1961) jiġi korrett, titniżel annotazzjoni fil-kolonna annotazzjonijiet illi Antonello permezz ta' sentenza tal-Qorti ġie dikjarat bil-kunjom Rizzo Naudi;

3. Konsegwentement, tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 Liġijiet ta' Malta illi l-Att tat-Twelid tal-esponenti Andrew Rizzo sive Rizzo Naudi b'iskrizzjonu numru

[1] Din is-sentenza minkejja li ġiet appellata ġiet ċeduta fl-istadju tal-appell mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u b'hekk is-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti timmerita *res judicata*.

tlett elef tlet mija ħamsa u tletin tas-sena elf disa mija erbgħa u disgħin (3335/1994) jiġi korrett, titniżel annotazzjoni fil-kolonna annotazzjonijiet illi Andrew permezz ta' sentenza tal-Qorti ġie dikjarat bil-kunjom Rizzo Naudi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa nġunti in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi jibda billi jingħad illi skont l-att tat-twelid tar-rikorrent Antonello Rizzo Naudi, innumerat **2566/1961,** 'Anthony-Carmel' kien l-isem li ingħatalu oriġinarjament mill-ġenituri tiegħu, Anthony Rizzo u Maria-Iris Rizzo, iżda skont l-annotazzjonijiet fuq l-istess att tat-twelid, fl-10 ta' Lulju 2021, ir-rikorrent issottometta l-Formula V ai

termini tal-Artikolu 278A tal-Kodiċi Ċivili sabiex ismu jiġi jaqra 'Antonello';

4. Illi skont l-att tat-twelid **3335/1994**, ir-rikorrent Andrew twieled f'Malta fid-29 ta' Lulju 1994 lil Anthony-Carmel Rizzo u lil Josephine Rizzo, fiż-żwieġ. Tali dettalji ġew irreġistrati skont kif iddikjarahom il-missier, u għalhekk huwa evidenti illi ma sar ebda żball da parti tal-esponent;

5. Illi l-esponent jissottometti illi għalkemm il-pożizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-liġi, huwa minnu wkoll li l-Qrati tagħna qegħdin ikunu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn, u għalhekk fir-rigward tat-talbiet attriċi, huwa ser ikun qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' illi jiġu ssorvolati l-eċċezzjonijiet li jsegwu u li l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

6. Illi strettament bla ħsara għall-premess, l-esponent jirrileva illi t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti ma jikkonċernawx biss dettalji tagħhom fl-atti tal-istat ċivili relattivi, stante li permezz tar-rikors in risposta qiegħed jintalab ukoll tibdil fid-dettalji ta' Antonio u Maria-Iris, li huma l-ġenituri tar-rikorrent Antonello u li jiġu wkoll in-nanniet paterni tal-attur Andrew, u tibdil fil-kunjom ta' Josephine, li tiġi mart ir-rikorrent Antonello u omm ir-/rikorrent Andrew. Għalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma illi dawn l-individwi għandhom ikunu kjamati in kawża sabiex huma wkoll ikunu jistgħu iwieġbu għat-talbiet attriċi;

7. Illi fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talba attriċi, jingħad illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir **f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna**, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk isegwi illi kemm-il darba s-sinjuri Antonio, Maria-Iris u Josephine ma jkunux parteċipi fil-proċeduri odjerni, ma jistgħux jiġu emendati d-dettalji tagħhom kif mitlub fit-tieni u fit-tielet talba attriċi;

8. Illi għal kull buon fini qed jiġi rrilevat ukoll illi kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tordna li jsir it-tibdil rikjest mir-rikorrenti f'kunjomhom, il-kunjom jista' jinbidel biss permezz ta' annotazzjoni ġenerali stante illi fl-att tat-twelid tar-rikorrenti, li kienu ġew irreġistrati fl-1961 u fl-1994, ma kienet teżisti ebda kolonna jew intestatura speċifika li tindika kunjom it-tarbija;

9. Illi finalment u dejjem bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.'

Rat il-verbal ta' smiegh tal-lum stess u hadet nota tal-korrezzjonijiet li gew awtorizzati fir-rikors guramentat.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 49 tal-proċess.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mir-rikorrenti mar-rikors ġuramentat li effettivament tevidenzja illi missier ir-rikorrent Antonello u n-nannu tar-rikorrent Andrew effettivament kien kunjomu Rizzo Naudi u mhux biss Rizzo.

Illi mid-dokumentazzjoni l-oħra kollha jirriżulta li effettivament ir-rikorrenti huma magħrufa bil-kunjom Rizzo Naudi u mhux Rizzo. Dan ġie evidenzjat ukoll minn affidavits esebiti illum stess mill-istess rikorrenti.

Illi in vista ta' dak kollu suespost, in vista tal-provi fl-atti l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ghar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tordna li Rizzo Naudi huwa ;-kunjom tar-rikorrenti li jużaw għalihom u li bih huma konsistentement imsejħin;

2. Tilqa′ t-tieni talba kif korretta u tordna a tenur tal-artikolu 253 tal-kap 16 tal-liġijiet ta' Malta illi l-att ta' twelid tal-esponenti Antonello Rizzo sive Rizzo Naudi b'iskrizzjoni numru 2566/1961 jiġi korrett billi titniżżel annotazzjoni fil-kolonna annotazzjonijiet illi Antonello permezz ta' sentenza tal-Qorti ġie dikjarat bil-kunjom Rizzo Naudi;

3. Tilqa′ t-tielet talba u tordna a tenur tal-artikolu 253 tal-kap 16 tal-liġijiet ta' Malta illi l-att ta' twelid tal-esponenti Andrew Rizzo sive Rizzo Naudi b'iskrizzjoni numru 3335/1994 jiġi korrett billi titniżżel annotazzjoni fil-kolonna annotazzjonijiet illi Andrew permezz ta' sentenza tal-Qorti ġie dikjarat bil-kunjom Rizzo Naudi;

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b′kopja tas-sentenza ta′ din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta′ Marzu 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**9 ta' Marzu 2023**